# 1 Tluq: Il-Belt Valletta

Minn xħin tlaqna mid-dar, Ben ma waqafx jimmolla u jredden.

"Aħħ, se nkunu nistgħu ngħumu kuljum fil-pixxina! Nistgħu nilagħbu futbol u tenis, u nistgħu nieklu l-ħin kollu! Kemm se niekol ġelati, pizza, ċikkulata ..."



Ommi u missieri kienu quddiemna u n-nanna kienet ħdejn Ben, titbissimlu.

Bejnietna, jien kont eċitata daqs Ben, imma m'għamiltx għaġeb bħalu. Jien għalaqt għaxar snin issa. Mattart idejja 'l quddiem, ittewwibt u xħett rasi lura fuq is-*seat*.

*Xi pjaċir! Kemm ilha biex tasal din il-ġurnata!*

Kif wasalna, ħriġna niġru mill-vann u ħarisna 'l fuq. Il-vapur kien daqs dinja, u b'ittri kbar kellu miktub:

**AVVENTURA**
Valletta

"Hawn aħna. Lesti għall-isbaħ avventura ta' ħajjitkom?" qalilna s-sewwieq.

"X'avventura avventura? Jalla nistrieħu, nieħdu pjaċir u ma jinqala' xejn," weġbitu n-nanna fil-pront.

